II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1342

tal-14 ta' Marzu 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-permeabbiltà tal-arja għat-tamboċċi tal-plastik u tal-ħġieġ u għall-aperturi tas-saqaf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-istandard Ewropew EN 1873 dwar it-tamboċċi tal-plastik individwali ġie adottat inizjalment mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) fl-2005 u l-istandard Ewropew EN 14963 dwar it-tamboċċi tal-plastik kontinwi fl-2006. Dawk l-istandards armonizzati ma kienx fihom klassifikazzjoni għall-prestazzjoni tal-prodotti koperti minnu fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tal-permeabbiltà tal-arja.

(2) Sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tas-suq aħjar, il-verżjonijiet il-ġodda ta' dawk l-istandards, EN 1873-1, EN 1873-2 u EN 1873-3, li jkopru t-tamboċċi tal-plastik u tal-ħġieġ u l-aperturi tas-saqaf, kif ukoll EN 14963 jenħtieġ li jinkludu klassifikazzjoni għall-prestazzjoni tal-prodotti koperti minnhom fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tal-permeabbiltà tal-arja. Il-klassifikazzjoni jenħtieġ li tipprevedi tliet klassijiet ta' prestazzjoni.

(3) F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 il-klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti tal-bini jistgħu jiġu stabbiliti sew mill-Kummissjoni sew minn korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni fuq il-bażi ta' mandat rivedut maħruġ mill-Kummissjoni. Minħabba l-ħtieġa li jiġu stabbiliti klassijiet ta' prestazzjoni addizzjonali mill-aktar fis possibbli, il-klassijiet ta' prestazzjoni ġodda jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni. F'konformità mal-Artikolu 27(2) ta' dak ir-Regolament, dawk il-klassijiet iridu jintużaw fi standards armonizzati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-permeabbiltà tal-arja għat-tamboċċi tal-plastik u tal-ħġieġ u għall-aperturi tas-saqaf, huma stabbiliti kif stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-permeabbiltà tal-arja għat-tamboċċi tal-plastik u tal-ħġieġ u għall-aperturi tas-saqaf

Klassi	**Valur tal-limitu inferjuri tal-Pressjoni Interna** (4 Pa)	**Valur tal-limitu superjuri tal-Pressjoni Interna** (100 Pa)
	Permeabbiltà tal-Arja (f'm^3/(h,m))	
A (*)	< 1,4	< 12
B	≥ 1,4	≥ 12
C	≥ 6	≥ 50

(*) Fil-każ tal-klassi A, minbarra d-dikjarazzjoni tal-klassi, għandu jiġi ddikjarat ukoll l-agħar kejl minn fost il-passi ta' pressjoni kollha bl-użu tal-mudell li ġej: Klassi A *(pressjoni interna (100 Pa), rata ta' tnixxija vvalutata).*

Nota: Il-konfini tal-klassijiet użati f'din it-Tabella jistgħu jiġu derivati mill-formula li ġejja:

$$Q = Q_{100} \cdot \left(\frac{P}{100}\right)^{2/3}$$

Fejn:

Q hija r-rata ta' tnixxija f'm^3 fis-siegħa, għal kull metru lineari tal-perimetru tat-tamboċċ matul test taħt pressjoni interna

P hija l-pressjoni interna matul test (f'Pa)

Q_{100} hija r-rata ta' tnixxija f'm^3 fis-siegħa, għal kull metru lineari tal-perimetru tat-tamboċċ b'pressjoni interna ta' 100 Pa

